**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI

## Aġenda Nru. 49 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

**Data:** Nhar it-Tnejn 29 t'Awwissu 2016
**Hin:** fit-3pm
**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
6. Aġġornament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-49 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 29 t'Awwissu 2016 fit-3pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fl-4:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Abigail Sciberras |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tat-48 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajma mill-Minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Inqrat Ċirkulari 8/2016, mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud, Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 8/2016 – Inizjattiva Finanzjarja Favur il-Komunita' – Libreriji Lokali/Reġjonali.**

3.2 Inqrat Ċirkulari 10/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 10/2016 – Tagħrif fuq Inizjattivi dwar Faċilitajiet ta' Parkeġġ fil-Lokalitajiet.**

3.3 Inqrat Ċirkulari 11/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 11/2016 – Inizjattiva Finanzjarja – Espressjoni t'Interess għall-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilita' (l-Aħħar Sejħa).**

3.4 Inqrat Ċirkulari 12/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 12/2016 – Petizzjonijiet dwar Kontravenzjonijiet.**

3.5 Inqrat Ċirkulari 13/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 13/2016 – Skart tal-WEEE trasferit fis-*Civic Amenity Sites*.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.6 Inqrat Ċirkulari 14/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 14/2016 – *Procurement Policy Notes.***

3.7 Inqrat Ċirkulari 15/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 15/2016 – Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid u l-importanza li jkun hemm *handover* u *audit*.**

3.8 Inqrat Ċirkulari 16/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.**

3.8.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li minħabba li din il-korrispondenza waslet biss ftit tal-jiem ilu, ikun għaqli jekk tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

3.8.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

3.9 Inqrat Ċirkulari 17/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 17/2016 – Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsillieri.**

3.10 Inqrat Ċirkulari 18/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari 18/2016 – Ordnijiet Permanenti li fuqhom għandhom jitmexxew il-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali.**

3.11 Inqrat Direttiva 3/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Direttiva Numru 3/2016 – Arranġamenti Finanzjarji bejn il-LESA, il-Kumitat Reġjonali u l-Kunsilli Lokali.**

3.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Melanie Agius għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 27064.**

3.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Celebrating Adult Learning in Malta***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***– EPALE Awards.***

3.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Invit għall-Kunsilli Lokali li se jibbenefikaw mill-Inizjattiva Finanzjament għal Libreriji Lokali/Reġjonali.**

3.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Local Council Staff Updates: Termination/Employment/Progressions of Staff inc. Staff on Schemes.***

3.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 27424.**

3.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **ATTN: Parteċipazzjoni fil-*European Week of Regions and Cities 2016* – 10-13 t'Ottubru 2016 fi Brussell.**

3.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: Collaboration with the Association of the most Beautiful Villages of Italy.***

3.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***REMINDER: Europe for Citizens Programme – Open Call for Proposals for Town Twinning and Network of Towns – 2nd Deadline – 1st September 2016.***

3.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***European Mobility Week 2016 – Permanent Measure 2016.***

3.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Sammut għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Malta Innovation Awards 2016.***

3.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Sammut għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***OPM Circular No 15/2016.***

3.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Sammut għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu ***European Week for Waste Reduction.***

3.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 434/2016 – Issue and Use of Cranes in the Locality.***

3.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mariella Silvio, Uffiċjal Legali fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Bye Law* Qrendi dwar Attivitajiet fil-Beraħ.**

3.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rita Mifsud Attard, mill-*URBACT National Contact Point* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***URBACT Survey.***

3.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Azzopardi għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label of Governance Excellence.***

3.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elise Aquilina, *Secretariat Officer* fl-Uffiċċju tal-President, bit-titlu ***Invitation by H.E. The President.***

3.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 41/2016 – EDIC Newsletter 3.***

3.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 43/2016 – *AC4ACP Meeting.***

3.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 44/2016 – Twinning Request from municipalities of Cimini and Tuscia area in Italy.***

3.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 46/2016 – Collaboration between Transport Malta, Ministry for Transport and Infrastructure & Local Councils' Association.***

3.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Xlokk, bit-titlu ***LDS Follow Up Meetings.***

3.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Grace D'Amato, *EU Funds Manager* fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu ***Debt recovery meeting – Qrendi Local Council.***

3.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Pisani, Assistent Direttur fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu ***Qrendi Local Council – Recovery of Debt.***

3.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nicole Cilia, *Professional Scientific Officer* fl-Awtorita' Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur, bit-titlu ***Data collection on pesticides application equipment.***

3.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Formosa bit-titlu ***Call for interest* – Darba Waħda*...intergenerational project.***

3.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Formosa bit-titlu **Darba Waħda*...has been officially launched!***

3.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Marc Buhagiar, *Marketing and Communications Officer* ma' Valletta 2018 bit-titlu, **Darba Waħda *September Registration Press Release.***

3.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Calleja bit-titlu ***Local Council Visits to the Fortress Builders.***

3.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Scicluna, *Senior Staff Nurse* fid-Dipartiment għas-Saħħa Primarja, bit-titlu ***Invitation – Primary Health Care Department programme of health educational talks.***

3.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karl Galea minn Transport Malta, bit-titlu ***Road Closure.***

3.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Bugelli minn Transport Malta, bit-titlu ***Mapping Plan for New EV Charging Infrastructure.***

3.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-MEUSAC, bit-titlu **Opportunita' ta' Fondi Ewropej għal Ġemellaġġi u Netwerk ta' Bliet.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tonio Bonello, *Manager – Programme Administration* ta’ Radju RTK, bit-titlu **Attivita’ – Dar tal-Providenza.**

3.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pierre Brincat, *Project Manager* fid-Dipartiment għall-Faċilitajiet Maniġerjali tal-Bank BOV, bit-titlu ***Proposed Setting up of the Qrendi ATM.***

3.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Awtorita’ għall-Ippjanar, bit-titlu ***Planning Authority Correspondence – Planning Authority Letter – PA/04581/16 – David Schembri obo Qrendi Local Council.***

3.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Raymond Zammit, CEO tal-LESA, bit-titlu **Iktar Sigurta’ fit-Toroq.**

3.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Andre’ Vassallo Grant, Direttur tad-Djar tal-Anzjani tal-Knisja, bit-titlu **Jum l-Anzjani.**

3.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Amy Dimech, *Allied Health Practitioner (Physiotherapy)* fid-Dipartiment tal-Fiżjoterapija, bit-titlu ***World Physiotherapy Day.***

3.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Nathaniel Attard, *Communications Manager* ta’ Bird Life Malta, bit-titlu ***EU Co-financed project sign at*** **Wied iż-Żurrieq.**

3.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise Grech, Direttur Maniġerjali ta’ LAD Enterprises Ltd., bit-titlu ***Dogs in your Community.***

3.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antoine Azzopardi bit-titlu ***Short course in basic computer literacy for better productivity.***

3.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Liliana Cachia bit-titlu ***Courses at Council.***

3.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Scerri, Maniġer f’Palazzo de La Salle, bit-titlu ***Courses in Visual, Applied and Performing arts at the MSA.***

3.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Bugeja, *Training Administrator*

*Co-ordinator* fil-*Malta University Holding Company Ltd.,* bit-titlu ***MATLAB(r) Training Course.***

3.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, *Lifelong Learning Coordinator* fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, bit-titlu ***Lifelong Learning Courses – 13th and 14th September – Application open.***

3.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, *Lifelong Learning Coordinator* fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, bit-titlu ***Reminder – Lifelong Learning Courses – 13th and 14th September.***

3.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, *Lifelong Learning Coordinator* fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, bit-titlu ***Celebrating Adult Learning in Malta – EPALE Awards.***

3.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, *Lifelong Learning Coordinator* fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, bit-titlu ***EPALE Awards.***

3.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jean Pierre Pirotta, Koordinatur ta' Skola Sajf fil-Qrendi, bit-titlu **Skola Sajf 2016.**

3.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Diane Jones, Koordinatriċi ta' Skola Sajf fil-Qrendi, bit-titlu ***Helen Keller Resource Centre Qrendi Summer School – Possible Activities.***

3.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie Demicoli, Amministratur għall-President Mary Gaerty mill-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa, bit-titlu ***Winter Courses at the National Council of Women.***

3.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rosette Borg mill-Koperattivi Malta, bit-titlu **Ringrazzjament –** ***Coops Day 2016.***

3.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Heidi Grech bit-titlu ***Culling of Pigeons.***

3.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Keith Cortis bit-titlu **Garage – Triq Santa Katarina, Qrendi.**

3.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Clifton Caruana, miż-Żurrieq Wolves

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

AC, bit-titlu **Żurrieq *Half Marathon 2016.***

3.67.1 Is-Sindku qal li rridu niċċekkjaw eżatt meta se tkun id-data ta' din in-nofs maratona, u rridu konferma ta' x'metodi se jużaw sabiex jimmarkaw l-art tar-rotta minn fejn għandhom jgħaddu l-atleti.

3.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Bernardette Azzopardi bit-titlu **Restawr.**

3.69 Inqrat ittra mibgħuta mit-tobba Ernest Azzopardi, Sarah Refalo Azzopardi u Carlo Refalo dwar tabelli t'indikazzjoni fi Triq it-Tempesta.

3.69.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali għandu *bye law* dwar l-għamara fit-toroq, u allura naraw x'tgħid il-*bye law* u nibagħtulhom ir-risposta.

3.70 Inqrat ittra mibgħuta mit-tobba Ernest Azzopardi, Sarah Refalo Azzopardi u Carlo Refalo dwar talba għal parkeġġ riservat fi Triq il-Pirinej.

3.70.1 Is-Sindku qal li talba simili għal din kienet diġa' saret madwar sena u nofs ilu fejn Transport Malta kienet irrifjutat din it-talba.

3.70.2 Qal li għandna nsibu l-aħħar risposta li tat Transport Malta u ngħaddulhom lilha ġaladarba t-talba hija l-istess bħalma kienet saret qabel.

3.70.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk dan il-parkeġġ riservat jistax isir bil-ħin, u meta l-klinika tkun magħluqa l-parkeġġ ikun jista' jintuża' minn kulħadd.

3.70.4 Is-Sindku wieġeb li t-talba fuq l-ittra hija ċara u allura l-Kunsill Lokali ma jistax jimxi b'mod ulterjuri sakemm it-talba ma tiġix mibdula.

3.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Catherine Sciortino bit-titlu ***Complaint.***

3.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Reto Wager bit-titlu ***Thank You!***

3.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Romina Zammit bit-titlu **Skart.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Munro bit-titlu **Wied iż-Żurrieq.**

3.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jean Paul Attard bit-titlu ***Water leakage in Qrendi bypass leading to Maqluba.***

3.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jennie Rickell bit-titlu ***Camping permit.***

3.77 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Farrugia bit-titlu **Bozza maqtugħa fi Triq il-Pirinej.**

## 4. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

4.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar it-Torri Xutu u qal li issa għandna l-pjanti mingħand Din l-Art Ħelwa dwar it-tisbiħ propost li jsir madwar it-Torri.

4.1.1 Qal li Din l-Art Ħelwa talbuna l-ideat tagħna bħala Kunsill Lokali qabel jgħaddu kollox quddiem l-MIA għall-konsiderazzjoni tagħhom.

4.1.2 Spjega kif dwar id-dawl ta' dan it-Torri, qed nippruvaw li għallinqas dan it-Torri jkun jixgħel minn naħa waħda u dan minħabba d-Direttiva tal-Għasafar u minħabba li dan it-Torri jinsab qrib ħafna tal-kosta.

4.2 Is-Sindku tkellem dwar l-inzijattiva Darba Waħda.

4.2.1 Qal li din l-inizjattiva ġiet imnedija ftit tal-jiem ilu u se ssir f'Ħal Kirkop u d-dħul għal din l-inizjattiva huwa b'xejn.

4.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-GAL Xlokk li kienet tikkonċentra dwar il-prioritajiet għas-snin 2016-2020.

4.3.1 Qal li fil-laqgħa li saret fl-Iskola Primarja tal-Qrendi, deher ċar li mhux

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

kulħadd fehem għaliex saret din il-laqgħa u kien hemm min forsi ddevja mis-suġġett.

4.3.2 Spjega kif f'isem il-Kunsill Lokali tal-Qrendi hu talab li jkun hemm fondi għall-agrituriżmu, l-immaniġġjar tal-ilma kif ukoll l-introduzzjoni ta' *heritage trails* fost l-oħrajn.

4.3.3 Fisser kif b'kollox jidher li hemm €1.3 miljun bejn sbatax-il Kunsill Lokali, jiġifieri jekk dan l-ammont se jinqasam bl-eżatt bejn il-Kunsilli Lokali kollha li jiffurmaw il-GAL Xlokk, kull Kunsill Lokali se jkun qiegħed jieħu inqas minn €100,000.

4.4 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett pilota *Flora the Explorer* u qal li dan il-proġett qiegħed isir mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

4.4.1 Qal li hemm persuna Taljana li qiegħda tieħu ħsieb dan il-proġett u l-ħsieb hu li dan il-proġett isir fin-nofsinhar ta' Malta.

4.4.2 Spjega kif fil-bidu jsir speċi ta' *seeding project*, li jibda mil-lokalita' tal-Qrendi mbagħad ikompli jinfirex fil-lokalitajiet l-oħra.

4.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li l-Kunsill Lokali kellu mal-PPCD rigward is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

4.5.1 Qal li f'din il-laqgħa ħareġ ċar li Din l-Art Ħelwa għandhom problema sabiex joħorġu l-20% garanzija fuq dan il-proġett.

4.5.2 Spjega kif 'il quddiem se ssir laqgħa oħra bejn Din l-Art Ħelwa u l-Knisja Parrokjali tal-Qrendi, u din il-laqgħa se tkun qiegħda ssir fil-Kurja tal-Arċisqof, sabiex forsi tkun il-Knisja li tagħmel tajjeb għal dawn l-20% bħala *lead partner*.

4.5.3 Fisser li mill-aħħar stimi li għandna, l-pjazza ta' quddiem is-Santwarju tiġi tiswa lill-Kunsill Lokali madwar €250,000, u allura se nkunu qegħdin nagħmlu dak kollu possibbli sabiex nibbenefikaw minn xi fondi, permezz ta' xi konsorzju ma' dawn l-entitajiet, inkella bħala Kunsill Lokali waħdu.

4.6 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett Aqra Miegħi, li qiegħed isir kull nhar

ta' Ġimgħa filgħodu fl-iskola primarja tal-Qrendi.

4.7 Is-Sindku tkellem dwar il-kumitat taż-Żoni Turistiċi u qal li fl-aħħar laqgħa li saret kien hemm diskussjoni dwar Wied iż-Żurrieq.

4.7.1 Qal li l-aktar problemi li ġew diskussi kienu dwar l-indafa ta' din iż-żona turistika.

4.8 Is-Sindku tkellem dwar postijiet differenti fejn jistgħu jsiru points fil-lokalita' tagħna sabiex jiġu ċċarġjati l-karozzi tal-elettriku.

4.8.1 Qal li għalkemm din l-idea jidher li għadha ma qabditx daqshekk art, b'mod speċjali fil-lokalita' tagħna, huwa għaqli li naħsbu minn issa fejn dan is-servizz jista' jiġi offrut.

4.8.2 Wara diskussjoni ġie deċiż li dawn il-postijiet jistgħu jkunu tnejn:

i. fi Triq Ġuże' Cassar;
ii. fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq Massabielle (fis-*service road* quddiem il-Ġnien Nicolo' Communet)

4.8.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar dawn il-proposti.

4.9 Is-Sindku tkellem dwar xogħol li qiegħed isir fil-preżent fuq *feature* li hemm fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq Ħal Lew.

4.9.1 Qal li fadal xi tikħil, irridu npoġġu l-bankijiet, kif ukoll forsi jitħawlu xi żewġ siġriet żgħar.

4.10 Is-Sindku tkellem dwar il-possibilta' li nibdlu jew inżidu l-fanali dekorattivi mar-raħal tal-Qrendi.

4.10.1 Qal li dawn jistgħu jiġu jiswewna bejn €25 u €35 il-wieħed sabiex jiġu installati.

4.10.2 Spjega li issa rridu nagħmlu pjanta ta' fejn jistgħu jitpoġġew, b'mod speċjali fiċ-ċentru tar-raħal/fil-parti antika tal-lokal.

4.10.3 Fisser li b'hekk inkunu nafu kemm għandna bżonn u naraw jekk

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tintlaqax it-talba tagħna.

4.11 Is-Sindku tkellem dwar wiċċ ġdid li jrid jingħata lil parti minn Triq is-Siġġiewi sabiex din tkun lesta kollha.

4.11.1 Qal li x-xogħol inbeda u suppost fil-jiem li ġejjin għandu jkun kollox lest.

4.11.2 Spjega kif dan ix-xogħol qiegħed isir minn Transport Malta.

4.12 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-websajt il-ġdida tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi u qal li din saret mill-istudent tal-MCAST Kevin Borg.

4.12.1 Qal li s-Sur Borg huwa student fl-Istitut tal-Informatika tal-MCAST u ħadem fuq din il-websajt b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

4.12.2 Spjega kif 'il quddiem hemm il-ħsieb li ssir it-tnedija ta' din il-websajt ġdida, imma fadal xi rtokki żgħar xi jsiru qabel tiġi varata din il-websajt.

4.13 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ħarġa t'Għawdex li saret f'Awwissu u qal li kienet suċċess.

4.13.1 Irringrazzja b'mod speċjali lis-Sa. Catherine Falzon kif ukoll lill-Ministeru għal Għawdex li għamluha possibbli li naraw iċ-Ċittadella bl-aħjar mod possibbli fejn in-nies li kienu magħna setgħu jgawdu s-sbuħija tagħha.

4.13.2 Irringrazzja wkoll lis-Sur Stepehn Cini li kien it-*tour leader* madwar iċ-Ċittadella, li ta informazzjoni dettaljata dwar din il-belt fortizza.

4.14 Il-Viċi Sindku staqsa dwar f'liema stadju wasalna dwar l-ATM il-ġdida fil-Qrendi.

4.14.1 Is-Sindku wieġeb li mexjin, imma xorta waħda fadal ftit żmien mhux ħażin sakemm tiġi proċessata l-applikazzjoni.

4.14.2 Qal li jittama li sal-bidu tal-2017 din l-ATM tkun qiegħda taħdem.

4.15 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li Triq is-Siġġiewi issa ġiet ftit jew wisq

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

perikoluża minħabba s-*side roads* li hemm jagħtu għaliha.

4.15.1 Is-Sindku wieġeb li bħalissa qegħdin f'kuntatt ma' Transport Malta sabiex isiru s-sinjali taż-żebgħa kif ukoll isiru xi tabelli minħabba l-immaniġġjar tat-traffiku f'din it-triq.

4.16 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar Triq il-Puniċi u meta se jsiru s-sinjali tat-traffiku fiha.

4.16.1 Is-Sindku wieġeb li Triq il-Puniċi hija simili bħal Triq is-Siġġiewi, jiġifieri s-sinjali jridu jsiru l-ewwel darba minn Transport Malta, imbagħad minn hemm 'il quddiem jibda jieħu ħsiebhom il-Kunsill Lokali.

4.17 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar Wied iż-Żurrieq, b'mod speċjali għaliex ma ġewx irranġati l-hekk magħrufa 'il-ponot'.

4.17.1 Is-Sindku wieġeb li dwar dan il-każ tkellimna kemm-il darba fil-laqgħat tal-Kunsill Lokali, u bħalissa għadna qegħdin nistennew il-permess mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 5. <u>APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI</u>

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €20,307.18 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/16 u €66.99c skont il-*Petty Cash* Ref T/07.

5.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

5.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6. **AĠĠORNAMENT**

6.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-4:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2016 fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**